# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 24 ta' Novembru 2022**

**Kawza Numru: 3**

**Rikors Kostituzzjonali Numru:- 286/2020 JVC**

**Anthony Manicaro;**
**Mary Grace Manicaro**

**vs**

**Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fejn ir-rikorrenti Anthony u Mary Grace konjugi Manicaro premettew u talbu kif isegwi:

**‘Fatti**

Illi l-esponenti jirrilevaw illi fuq rikors intavolat mil-Avukat Generali a tenur tal-artikolu 4 (6) tal-Kapitolu 373 tal Ligijiet ta' Malta, l-Onorabbli Qorti Kriminali ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Sekwestru fuq l-assi kollha tal-esponenti permezz ta' digriet datat nhar is-sittax (16) ta' Settembru, 2020.

Illi proprju l-ghada illi gie mpost l-imsemmi ordni ta' sekwestru mill-Onorabbli Qorti Kriminali, ossia fil-jum ta' nhar is-sbatax (17) ta' Settembru, 2020, l-esponenti gew mixlija b'akkuzi ta' hasil ta' flus quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja bil-konsegwenti hrug ta' Ordni ta' Iffrizar fuq l-assi kollha li jkunu dovuti jew li jmissu lilhom u dana ai termini tal-artikolu 5 tal-Kapitolu 373 u l-artikolu 23 A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi ghalhekk, l-assi kollha dovuti jew li jmissu lill-esponenti jinsabu attwalment milquta kemm minn Ordni ta' Sekwestru u kif ukoll minn Ordni ta' Iffrizar.

**1) L-Ordni tal-Iffrizar fil-konfront tal-Esponenti**

Illi matul il-proceduri fil-konfront tal-esponenti l-Qorti giet mitluba wkoll mill-Prosekuzzjoni ili tapplika mutatis mutandis id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23A (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex f’kaz ta' htija tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 23B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi fil-fatt nhar is-sbatax (l7) ta' Settembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) il-Qorti tal-Magistrati (Malta) laqghet it-talba tal-

Prosekuzzjoni u ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod generali, tal-flejjes u l-propjeta' mobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-esponenti kollha jew li jkunu propjeta' taghhom u pprojbiet lil-esponenti milli jittrasferixxu, jaghtu b'rahan, jippotekkaw jew xort' ohra jiddisponu minn xi propjeta' mobbli jew immobli ai termini tal-Artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 23A (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi din l-ordni tal-iffrizar saret fil-konfront tal-esponenti u bil-konsegwenza illi l-istess esponenti lanqas biss jistghu joperaw in-negozju taghhom minn fejn jaqilghu l-ghixien taghhom. Illi din l-istess ordni stagnat u qieghda tikkawza diffikultajiet kbar lill-esponenti stante illi ma jistghux jezercitaw in-negozju taghhom u huma prekluzi milli jkollhom xi tip ta' ghixien;

Illi dan ifisser illi tali ordni ta' iffrizat kellha l-effett sproporzjonat ghall-ahhar illi tichad lill-esponenti min-negozju taghhom u ghalhekk mill-uniku mezz ta' ghixien ghall-familja taghhom stante illi l-istess negozju b'ordni tal-Qorti jinsab stagnat.

Illi inoltre bhala parti mill-ordni tal-iffrizar inqabdu wkoll propjetajiet tal-esponenti illi zgur m'ghandhomx x'jaqsmu mal-akkuzi hekk kif addebitati lilhom u dan stante illi jew gew ghandhom hafna snin qabel id-dati tal-akkuzi odjerni jew sahansitra inghataw lilhom b'wirt u allura dan ifisser illi tali propjetajiet qeghdin jinzammu illegalment u inutilment.

Illi l-isproporzjonalita' taz-zamm fis-sehh tal-ordni ta' iffrizar tohrog cara wkoll mill-fatt illi meta l-Qorti tal-Magistrati (Malta) ordnat tali iffrizat ma llimitatx l-ammont ta' assi li kienu ser jigu ffrizati ghal xi ammont li allegatament l-esponenti ivvantagjaw

ruhhom minnu bl-allegat kommissjoni tar-reat li gew imputati bihom, izda inghatat ordni wiesgha hafna tant illi l-flus kollha u l-assi kollha tal-esponenti gew iffrizati.

Illi din l-isproporzjonalita' tidher ukoll mill-fatt li kif diga' gie rilevat bhala parti mill-ordni tal-iffrizar inqabdu wkoll propjetajiet tal-esponenti illi zgur mghandhomx x’jaqsmu ma’ akkuzi hekk kif addebitati lilhom u dan stante illi jew gew ghandhom hafna snin qabel id-dati tal-akkuzi odjern jew sahansitra inghataw lilhom b'wirt u allura dan ifisser illi tali propjetajiet qeghdin jinzammu illegalment u inutilment.

Illi f’dan l-stadju ssir referenza ghad-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill fejn l-Artikolu 8 tal-istess jipprovdi illi:

*1. L-Istati Membri ghandhom jiehdu l-mizuri mehtiega bies jizguraw li l-persuni affettwati mill-mizuri previsti skont din id-Direttiva jkollhom id-dritt ghal rimedju effettiv u process gust sabiex jitharsu d-drittijiet taghhom.*

*4. L-Istati Membri ghandhom jipprevedu l-possibbilta' effettiva li l-persuna li l-proprjetà taghha tkun giet affettwata tikkontesta l-ordni ta ffrizar quddiem qorti, fkonformità mal-proceduri stipulati fil-ligi nazzjonali.*

Illi x'tista' tkun il-bazi biex il-Qorti Kriminali tvajra ordnijiet fejn persuna tigi temporanjament jew permanentamernt mcahhda milli tgawdi l-propjeta taghha, gie enuncjat b'mod car mill-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem fid-decizjoni taghha fl-ismijiet **Paulet vs United Kingdom** tat-l3 ta' Mejju 2014. F'din is-sentenza (li tirrferi ghal ordni ta' konfiska) sabet illi kien hemm

lezjoni tal-Artikolu l tal-Ewwel Protokol tal Konvenzjoni kif fuq citat u dan ghas-segwenti ragunijiet:

*"64 It is not in dispute that the confiscation order in the present case amounted to an interference with the applicant's right to peaceful enjoyment of his possessions as protected by the first sentence of Article I of Protocol No. 1. Moreover, it is clear from Phillips v. the United Kingdom, no. 41087/98, 5 51, ECHR 2001-VII, that confiscation orders fall within the scope of the second paragraph of Article I of Protocol No. l, which, inter alia, allows the Contracting States to control the use of property to secure the payment of penalties. However, this provision must be construed in the light of the general principle set out in the first sentence of the first paragraph and there must, therefore, exist a reasonable relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to realised' (see, among many examples, Allan Jacobsson v. Sweden (no. 1). judgment of 25 October 1989. Series. A no. 163.p. 17. 5 55).*

*65. An interference with Article 1 of Protocol No. 1 will he disproportionate where the property-owner concerned has had to bear "an individual and excessive burden" such that the fair balance which should be struck between the protection of the right of property and the requirements of the general interests is upset (see Sporrong and Lönnroth V. Sweden, cited above, 573). The striking of a fair balance depends on many factors (AGOSI V the United Kingdom, 24 October 1986. 54, Series A no. IOK). Although the second paragraph of Article of Protocol No. I contains no explicit procedural requirements, the Court must consider whether the proceedings as a whole afforded the applicant reasonable opportunity for putting his case to the competent authorities with a view to enabling them to establish a fair balance between the conflicting interests at stake (AGOSI, eined above, and Jokelav Finland, no. 2885695, 55. ECHR 2002-IV) 15.*

Illi aktar ricenti fil-kawza fl-ismijiet **Filkin v. Portugal** deciza fit-3 ta Marzu, 2020, il-Qorti Ewropea ghad-Drittijiet tal-Bniedem qalet illi filwaqt illi restrizzjoni temporanja fuq l-uzu ta' propjeta' ta' cittadin hija fil-kompeternza tal-Istati Membri, iridu jissussistu certu kundizzjonijiet bhal dik tal-interess generali. Il-Qorti sabet li f'dan il-kaz kien hemm lezjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni peress illi:

"Since the applicant did not benefit from the procedural guarantees that would enable him to effectively challenge the measure in question and having regard to its long period of application, the Court concluded that the applicant had been subjected to a special and outrageous charge which overturned the a fair balance that must be struck between the legitimate general interest pursued by the authorities and the applicant's right to peaceful enjoyment of his property

Illi ghalhekk l-istess ordni tilledi d-dritt ghat-tgawdija tal-propjeta' tal-esponenti taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea billi l-effett taghha huwa li cahhad lill-esponenti min-negozju taghhom u mill-qliegh tal-istess negozju liema cahda hija wahda sporporzjonata immense.

Illi inoltre din l-ordni tal-iffrizar tilledi d-dritt ghat-tgawdija tal-propjeta' tal-esponenti taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea billi l-effett taghha huwa wkoll illi inqabdu propjetajiet tal-esponenti illi zgur m’ghandhomx x'jaqsmu mal-akkuzi hekk kif addebitati lilhom u dan stante illi jew gew ghandhom hafna snin qabel id-dati tal-akkuzi odjerni jew sahansitra inghataw

lilhom b'wirt u allura dan ifisser illi tali propjetajiet qeghdin jinzammu illegalment u inutilment.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu reverentement lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara illi l-hrug u z-zamm fis-sehh tal-ordni tal-iffrizar nhar is-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) tilledi d-drittijiet tal-esponenti ghat-tgawdija tal-propjeta' tal-esponenti taht l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll ghall-Konvenzjoni Ewropea u dan kif riprodott fl-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara wkoll illi r-rikorrenti sofrew ukoll lezjoni tad-dritt tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-Artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 7 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Ligijiet ta' Malta u dan peress illi l-ordni ta' ffrizar qieghed jinfliggi fuqhom piena konsegwenzjali mill-ehrex nonostante illi ghadhom prezunti innocenti;

3. Takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fic-cirkostanzi.'

Rat ir-risposta guramentata tal-Avukat tal-Istat kif isegwi:

1. 'Illi in linea preliminari, l-esponent jirrileva li r-rikorrenti ma utilizzawx il-mezzi li kellhom, u għad għandhom, a disposizzjoni tagħhom. Minn qari tal-artikolu 5, huwa evidenti li r-rikorrenti jistgħu jitolbu lill-Qorti kompetenti, jiġifieri, l-Qorti li ħarġet l-ordni sabiex l-ordni tal-iffriżar tiġi varjata, anki tenut kont taċ-ċirkostanzi tal-każ;

Illi fid-dawl ta' dan, ma jistax jiġi aċċettat li r-rikorrenti jaqbżu tappa tant importanti u jittentaw jadoperaw dina l-proċedura kostituzzjonali straordinarja billi jilmentaw minn allegat ksur meta lanqas biss indenjaw ruħhom jagħmlu talba appożita quddiem il-Qorti kompetenti. In fatti, jidher li la hemm talba u konsegwentement, l-ebda pronunjament mill-Qorti ordinarja dwar dan. Għalhekk, minħabba din ir-raġuni, l-esponent iqis li din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tieħu konjizzjoni tal-ilmenti tar-rikorrenti;

2. Illi, mingħajr preġudizzju għal dan, fil-mertu, l-esponent jiddikjara li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda peress li huma infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex ma jirriżulta l-ebda ksur tal-artikoli msemmija mir-rikorrenti u dan għar-raġunijiet segwenti li qed jiġu hawn elenkati mingħajr preġudizzju għal xulxin:

3. Illi l-ordni ta' sekwestru maħruġa skont l-artikolu 4 tal-Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta u l-ordni tal-iffriżar maħruġa ai termini tal-artikolu 5 tal-Kap. 373, ġew ordnati mill-Qorti Kriminali u mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja rispettivament, għaliex fl-għerf u fl-esperjenza tagħhom raw li kien hemm lok li dawn l-ordnijiet jinħarġu u huwa wkoll <u>fl-interess ġenerali</u> li dan iseħħ. Ċertament, li twaqqaf reat kriminali milli jseħħ jew ikompli jseħħ u li tinvestiga l-każ, huma fl-interess pubbliku;

4. Illi l-esponent jirrileva li persuna li tkun qed tiġi investigata u mbagħad akkużata dwar reati serji, **<u>ser ikollha taffaċċja ċertu restrizzjonijiet, fosthom bil-ħruġ ta' ordni ta' ffriżar</u>**. Dawn ir-<u>restrizzjonijiet</u> ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala piena ai termini tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-Artikolu 39(8) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 7 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319;

5. Iżda xorta waħda, minkejja li hemm ċertu restrizzjonijiet, l-artikolu 5(3) jagħti fakulta' lill-Qorti li tkun ħarġet l-ordni ta' ffriżar, sabiex "***f'ċirkostanzi partikolari***", tibdel dik l-ordni. Dan jimplika allura li hemm ċertu flessibilita' u anki ċertu possibilitajiet, inkluż anki ħatriet ta' amministraturi li jkunu jistgħu jmexxu negozju, bħalma ġara f'każijiet oħrajn;

6. Barra minn hekk, l-artikolu 5(1)(b) tal-Kap. 373 jipprovdi li proprju f'dik l-ordni, il-qorti għandha tistabbilixxi xi flejjes jistgħu jitħallsu lil jew jiġu riċevuti mill-akkużat filwaqt li jkun qed iseħħ dak l-ordni u dan sabiex ir-rikorrenti u l-familja tagħhom jitħallilhom għixien deċenti. F'każ li r-rikorrenti jkollhom xi diffikulta', bħalma jidher f'dan il-każ (l-aħħar paragrafu ta' paġna 2 tar-rikors promotur), kwalunkwe rimedju jista' jiġi ottjenut mill-Qorti li ħarġet tali ordni u dejjem taħt is-setgħa tagħha u mhux mill-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali);

7. Illi safejn l-ilment tar-rikorrenti huwa msejjes fuq l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponenti jirrileva li skont il-*proviso* tal-istess artikolu, l-Istat għandu kull jedd li jgħaddi dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa, f'dan il-każ sabiex jipproteġi r-rikavat ta' kull reat kriminali. Għaldaqstant, l-esponenti jissottolineaw li din il-miżura hija għal kollox **leġittima, ġustifikata u proporzjonata u taqa' taħt l-interessi tal-Istat li jżomm is-sigurtà pubblika u dan sabiex jiġi evitat diżordni jew egħmil kriminali**;

8. Illi l-esponenti jissollevaw l-improponibilità tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni għaliex l-Artikolu 37 jitkellem biss dwar teħid forzuż, jiġifieri teħid b'mod obbligatorju bħal meta għandek esproprijazzjoni, li żgur ma tiffigurax f'dan il-każ għaliex l-

esponenti ma ħadux l-assi u l-flejjes tar-rikorrenti. Isegwi għalhekk li l-Artikolu 37 joffri ħarsien unikament meta hemm teħid tal-proprjetà minħabba xi effett ta' xi att tal-Istat. Skont din id-disposizzjoni tal-Kostituzzjoni, l-istess protezzjoni mhix mogħtija meta jkun hemm interferenza fid-dritt għat-tgawdija paċifika tal-proprjetà;

9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad bil-qawwa l-pretensjonijiet kif dedotti fir-rikors promotur bħala infondati fil-fatt u fid-dritt stante li r-rikorrenti ma sofrew l-ebda ksur tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fondamentali.

Bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.'

Rat illi fil-verbal tat- 22 ta' April 2022 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu noti ta' sottomissjonijieet f'termini mposti fuqhom.

Rat is-sottomissjonijiet fl-atti.

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat;**

Illi permezz tal-ilment kostituzzjonali odjern r-rikorrenti jsostnu li l-ligi li tippermetti li l-Qrati jiffrizaw l-assi kollha taghhom permezz ta' ordni li tinghata fit-termini tal-artikolu 5 tal-Att dwar il-Money Laundering (Kap. 373) minghajr ebda distinzjoni bejn il-proprjeta', partikolarment iz-zmien meta din giet akkwistata kif

ukoll l-effett hazin li qed ikollha fuq in-negozju taghhom l-uniku mezz ta' ghixien taghhom, hija wahda sproporzjonata u ghalhekk bi ksur tal-Artikolu numru 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Ir-rikorrenti ghalhekk jitolbu li din il-Qorti tiddikjara li l-hrug u z-zamm fis-sehh tal-ordni tal-iffrizar fil-konfront taghhom datat 17 ta' Settembru, 2020 jilledi l-artikoli suesposti. Jitolbu in oltre li din il-Qorti tiddikjara li konsegwenza tal-istess ordni ta' ffrizar sofrew ukoll lezjoni tad-dritt li ma jsofru l-ebda piena minghajr ligi fit-termini tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni, l-artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 7 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta (Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea). Finalment jitolbu li l-Qorti takkorda dawk ir-rimedji effettivi u xierqa fic-cirkostanzi.

L-intimat Avukat tal-Istat jikkontesta l-ilment tar-rikorrenti billi fl-ewwel lok jeccepixxi li r-rikorrenti ma ezawrewx il-mezzi kollha li ttihom il-ligi b'dana li r-rikors odjern ma jistax jirnexxi, li fil-mertu ma hemm l-ebda lezjoni tal-artikoli msemmija, li l-ordni ta' ffrizar in kwistjoni inhareg mill-Qorti Kompetenti ghaliex kien neccessarju fit-termini tal-artikolu 4 tal-Kap. 373 (Att dwar il-Money Laundering) sabiex jigi wkoll salvagwardjat l-interess generali. Jeccepixxi wkoll li persuna akkuzata b'reati serji jkollha bilfors taffaccja certu restrizzjoni fosthom ordni ta' ffrizar u li dawn ma jistghux jigu klassifikati bhala piena ai termini tal-artikoli li jiprojbixxu piena minghajr ligi. Ulterjorment jaghmel referenza ghall-artikolu 5 (3) tal-Kap. 373 (Att kontra l-Money Laundering) u jsostni li l-artikolu 5 (3) jaghti l-fakulta' lill-Qorti li tvajra l-ordni ta' ffrizar f'certu cirkostanzi b'dan li allura hemm certu flessibilita' fl-applikazzjoni tar-restrizzjonijiet mposti permezz ta' ordni ta' ffrizar u wkoll li l-artikolu 5 (1) (b) tal-istess ligi jaghti l-fakulta' lill-Qorti li tistabilixxi ammonti li ghandhom

jithallew a disposizzjoni tal-akkuzati sabiex ikollhom ghixien decenti. Jeccepixxi wkoll li l-ligi attakkata taqa' fit-termini tal-proviso tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea fis-sens li l-mizura hija wahda legittima, gustifikata u proporzjonata u taqa' taht l-interessi tal-Istat li jzomm is-sigurta' pubblika u l-interess pubbliku dan sabiex jigi evitat dizordni jew ghemil kriminali. B'referenza ghall-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni jissottometti li dan ma japplikax ghar-raguni li l-proprjeta' tar-rikorrenti hija biss maqbuda izda ma ttehditx filwaqt li l-artikolu jitkellem biss fuq tehid forzuz tal-proprjeta'.

**Provi:-**

Rat ix-xhieda tal-Ispettur **Oriana Spiteri** a fol. 17 et seq tal-process. Hija tixhed li l-investigazzjoni fil-konfront tar-rikorrenti u binhom bdew f'Mejju tas-sena 2020 meta gie rilevat lilhom li r-rikorrenti kienu qed jiddepozitaw numru kbir ta' cekkijiet ndirizzati lil terzi f'kontijiet bankarji taghhom. L-investigazzjoni marret lura ghal Dicembru 2018 fejn allegatament il-kont tal-bank koncernat mizmum mal-Bank HSBC gie maghluq u l-ammont ta' hamsa u tmenin Elf Euro (€85,000) gie trasferit fuq kont bankarju iehor f'isem ir-rikorrenti. Tixhed li nharget ordni ta' investigazzjoni fil-konfront taghhom datata 3 ta' Gunju, 2020. Fl-investigazzjoni intalbet informazzjoni li tmur lura ghas-sena 2013 filwaqt li l-investigazzjoni fil-konfront ta' iben ir-rikorrenti giet eliminata stante li rrizulta li kien persuna b'disabilita' u li ma kellu l-ebda assi f'ismu. Tixhed li rrizulta li mir-rikorrenti kien biss ir-rikorrent li kien registrat bhala li jahdem fis-settur 'sales and market business' filwaqt li r-rikorrenti kienet ilha ma tidher li tahdem sa mis-sena 1996.

Din ix-xhud tkompli billi filwaqt li taghmel referenza ghal-kontijiet bankarji li nghalqu u li fihom ma kellhom xejn sostanzjali ghal dak li hu flus taghmel referenza ghal 'Current Business Avvount' li kien infetah fis-sena 2011 u nghalaq fis-sena 2018 mal-Bank HSBC fejn fil-bidu tas-sena 2013 il-bilanc kien dak ta' mija u sbatax-il elf Euro (€117,000). Tixhed li bejn is-sena 2013 u s-sena 2018 f'dan il-kont dahlu kontanti u cekkijiet fis-somma ta' zewg miljun Euro (€2,000,000) u li bosta mic-cekkijiet kienu f'ismijiet ta' terzi u l-maggor parti minnhom mahruga mill-Bank Centrali ta' Malta. Raw ukoll li hargu l-fuq minn miljun Euro mill-istess kont u li ftit biss minnhom marru ghand 'suppliers'.

Din ix-xhud izzid li apparti l-flus fil-bank saret investigazzjoni fuq il-proprjeta' mmobbli li nxtrat mis-sena 2013 il' quddiem fosthom:

(i) garaxx 32 A, Triq id-Dejma, Tarxien ghas-somma ta' mija u hamest' elef Euro (€105,000) minghajr self;
(ii) garaxx 96, Triq il-Kleru, Fgura ghas-somma ta' sittin elf Euro (€60,000) minghajr self;

dan minghajr ma r-rikorrenti bieghu xejn mill-assi taghhom biex ikollhom il-fondi ghal dawn l-akkwisti. Tghid izda li ngibdu kontanti mill-kont bankarju msemmi. Izzid li fis-sena 2018 dan il-kont inghalaq u l-bilanc ta' hamsa u tmenin elf Euro (€85,000) gie depozitat f'kont f'isem ir-rikorrenti Mary Grace Manicaro wahedha li qabel kien fih disa' mitt Euro (€900). Tixhed li wara dan it-trasferiment f'dan il-kont, din id-darba mal-Bank Bank Of Valleta, baqghet ghaddejja l-attivita ta' depositu ta' cekkijiiet f'isem terzi u l-bilanc kien ta' mija u hamsa u erbghin Elf Euro (€145,000) qabel l-arrest. Izzid li fil-perjodu bejn l-2018 u l-2020 inxtraw l-assi segwenti:

(iii) Peugeot Partner IGV452 minghajr self;
(iv) Citroen Berlingo FCT 321 – mghammar ukoll bi fridge u kien jitqassam ix-xoghol bih.

L-ispettur zzid li mill-lat ta' taxxa r-rikorrenti Mary Grace Manicaro ma kienet thallas ebda taxxa stante li mhux impjegata. Da parti tar-rikorrent Anthony Manicaro, bejn is-sena 2013 u s-sena 2018 (meta kien hemm il-kont bankarju mal-HSBC miftuh u li minnu ghaddew aktar minn zewg miljun Euro (€2,000,000)) r-rikorrent iddikjara total ta qliegh ta' sitta u disghin Elf Euro (€96,000) u sitt elef Euro (€6,000) dhul minn kirjiet. Tixhed ghalhekk li kien evidenti li l-flus li kienu qed jidhlu fil-kontijiet tal-bank ma kienux gejjin mix-xoghol tieghu. Mill-investigazzjonijiet rrizulta li c-cekkijiet kienu ta' terzi li kienu jmorru jsarrfuhom fil-hanut tar-rikorrenti bl-isem ta' il-Manic li huwa hanut li jbiegh il-bajd, tigieg u fniek. Tghid li minn investigazzjonijiet li ghamlu rrizulta li r-rikorrenti kienu jzommu bejn hames Euro (€5.00) u ghaxar Euro (€10.00) biex isarrfu c-cekk. Izzid li wara din l-ivestigazzjoni ghaddew sabiex jarrestaw lir-rikorrenti fis-16 ta' Settembru, 2020. Tikkonferma li fis-16 ta' Settembru, 2020 nharget 'attachment order' li tiddeskrivih bhala ordna ta' sekwestru fuq kull proprjeta' li kellhom kemm mobbli kif ukoll immobbli. Tkompli li l-ghada meta tressqu b'arrest intalab ordni ta' ffrizar li ghandu l-istess effett tal-ordni ta' sekwestru. Izzid li l-ligi mbaghad taghti lir-rikorrenti l-possibilita li jiehdu certu ammonti permezz tal-artikolu 5 tal-Kap. 373, Att kontra l-Money Laundering.

Din ix-xhud tikkonferma li l-investigazzjoni ma marritx aktar lura mis-sena 2013 u tikkonferma li proprjeta' li nxtrat qabel is-sena 2013 ma kinitx parti mill-investigazzjoni taghha, ma harsitx lejha bhala parti mill-investigazzjoni. Mistoqsija mill-Qorti jekk saritx

distinzjoni bejn proprjeta' li giet akkwistata qabel is-sena 2013 u wara ghal dak li hu ordni ta' ffrizar din ix-xhud tikkonferma li ma saritx distinzjoni.

Rat ix-xiehda ta' **Dr. Kenneth Camilleri** Principal Legal Officer mal-Asset Recovery Bureau a fol. 27 et seq tal-process li jghid li huwa nkarigat milli johrog l-ordni ta' ffrizar meta din tigi ordnata. Jispjega li din tigi pubblikata u jsir inventarju tal-assi tal-akkuzat. Jikkonferma li nhareg ordni ta' ffrizar fuq iz-zewg rikorrenti. Fid-data tax-xhieda tieghu cioe' nhar is-26 ta' Jannar, 2021 jghid li l-inventarju kien ghadu mhux lest. Jikkonferma li l-assi kollha li jkunu jidhru fuq il-persuna fid-data tal-ordni ta' ffrizar jidhlu fl-inventarju.

Rat l-affidavit tar-rikorrenti **Mary Grace Manicaro** a fol. 34 et seq tal-process. Hija tixhed li l-hanut 'Manic Butcher' f'Hal Tarxien huwa l-uniku ntrojtu taghha u tal-familja taghha fejn fih ibieghu laham, bajd, tigieg u fniek u li kien ilu miftuh mis-sena 2018. Tghid li hareg l-ordni ta' ffrizar fuq l-assi kollha f'isimhom fis-16 ta' Settembru, 2020. Izzid li din l-ordni laqtet ukoll proprjetajiet kif isegwi:

(i) id-dar matrimonjali 'Happy Dreams, Dejma Road, Tarxien;
(ii) proprjeta li wiret ir-rikorrent minghand ommu 50, Annunciation Street, Tarxien;
(iii) Garaxxijiet gewwa l-Fgura u Hal Tarxien li r-rikorrenti kien xtara meta kien ghadu guvni.

Dwar l-effett li kellu dan l-ordni ta' ffrizar fuqhom tixhed kif isegwi:

'Bl-iffrizar u l-fatt illi ma nistghux nahdmu u naqilghu lira qeghdin inbatu hafna. Hajitna waqfet kompletament. Kapricci m'ghadniex izda bzonnijiet ghadna bhal ta' kulhadd. Hajitna stagnata. Ma nistghux nahdmu, ma nistghux naqilghu l-flus, iridu naraw kif ser nghaddu, iridu nsibu l-min jghinha, nitolbu l-ghajnuna finanzjarja minn tal-familja u nitolbu l-permessi biex naghmlu affarijiet bazici bhal perezempju meta kellna nkellmu l-avukat sabiex sahansitra nkunu nistghu nhallsu l-insurance u ghamilna rikors quddiem il-Qorti Kriminali. Dan ghaliex it-Transport Malta u Mapfre MiddleSea Insurance ma riedux igeddulna l-polza tal-assikurazzjonmi tat-Toyouta Hilux Double Cabin pick up bin-numru ta' registrazzjoni ABG 438. Anke wara lil l-Qorti awtorizzatna ukoll kellna l-problemi ghaliex qalulna li ghandhom kull dritt ma jaccettawx li jaghmlulna l-insurance peress li ahna ghadna l-iffrizar marbuta mal-proceduri kriminali.

Ahna ghadna tifel b'dizabilita' li ghandu tnejn u ghoxrin (22) sena huwa juza' l-wheelchair u jiddependi ghal kollox fuqna.

Nghid ukoll illi zewgi jimrad hafna peress illi jbati mid-diabete. Fost il-bzonnijiet li ghandu, ghandu bzonn jiehu medicina lill-istat ma jofrix b'xejn u li ghalhekk inhallsu ghall-pinolli sittin ewro (€60) kull kaxxa darba f'xahar wara lit-tabib jiktbilna r-ricetta.

Bhalissa qieghed rikoverat l-isptar Mater Dei ghaliex ghandu ferita f'saqajh u t-tobba qatawlu xi swaba'.

Ir-rikorrenti xehdet in kontro-ezami a fol. 392 et seq tal-process. Tixhed li r-rikorrenti ilhom mizzewgin mis-7 ta' Marzu 1998 u li sa mill-bidu xoghol zewgha kien dak ta' 'hawker' u hi tkun mieghu. Tghid li x-xoghol permezz tal-hanut tal-laham bdewh fis-sena 2018. Tikkonferma li r-rikorrent ghandu aktar minn zewg

garaxxijiet. Wiehed minnhom dawwruh fil-hanut. Mistoqsija jekk ghamlux rikors sabiex il-Qorti Kriminali tirrilaxxja l-proprjetajiet tghid li huma aktar il-flus ghandhom bzonn. Tghid li ma tafx jekk sarx rikors sabiex jigu rilaxxjati l-flus. Tikkonferma wkoll li qed jigu allokati lilhom il-flus skont l-ordni tal-Qorti tal-Magistrati (Istruttorja). Tirrispondi izda:

'Naf iva imma dan ma tafx x'se jigri ghada ghandi r-ragel marid, ghadu hiereg mill-isptar nhar il-Gimgha, jekk alla hares qatt iridu jsiefruh jew ghandi tifel handicap iridu jsiefruh, jien fuq min se ndur. M'ghandix fuq min indur.'

Tikkonferma izda li l-beneficcju ta' disibilita' favur binha ghadu jigi percepit. Tghid li ghandhom erba' jew hames karozzi milquta' mill-ordni tal-iffrizar. Tghid li anki meta kienu jahdmu fuq il-monti r-rikorrenti dejjem hadmu f'isimhom. Tghid li hi dahlet mar-ragel ghaliex hu ma jafx jikteb u ma jifhimx fil-banek. Tghid li l-kwistjoni tal-hlas tal-'insurance' damet madwar sitt xhur biex solvuta u kelhom ihallsu xi multi.

Rat il-kopja tar-rikors li sar quddiem il-Qorti Kriminali datat 18 ta' Mejju, 2021 msemmi fix-xiehda tar-rikorrenti ntiz sabiex dik il-Qorti tawtorizza t-tigdid tal-poliza tal-assigurazzjoni.

Rat il-kopja tal-inventarji/kompendji tal-assi tar-rikorrenti redatti mill-Asset Recovery Bureau esebiti a fol. 35 et seq tal-process u fol. 192 et seq tal-process. Ikkonfermat mill-istess kompendju li l-ordni ta' ffrizar ma jaghmel ebda distinzjoni bejn proprjeta' akkwistata fiz-zmien suggett ghall-investigazzjoni u proprjeta' akkwistata fi zminijiet ohra nkluz proprjeta akkwistata permezz ta' donazzjoni jew wirt.

Rat in-nota tar-rikorrenti datata l-1 ta' Lulju, 2021 li permezz taghha gie esebit digriet tal-Qorti Kriminali f'ismijiet estranei ghall-procedura odjerna li fih, fuq appell minn rifjut ta' talba sabiex jinhareg ordni ta' ffrizar fil-konfront ta' persuna akkuzata b'hasil ta' flus dik l-Onorabbli Qorti ddecidiet kif isegwi:

'Ghaldaqstant billi mill-provi *prima facie* migbura fl-Istruttorja, kif jinsab rifless fid-digriet tat-28 ta' Mejju 2021, fil-pussess tal-intimati . . . . ma hemm ebda proprjeta' jew flejjes provenjenti mill-allegata attivita' kriminali mertu ta' dawn il-proceduri, il-Qorti tqies illi l-hrug ta' Ordni ta' l-Iffrizar bhala mezz kawtelatorju, kif mitlub mill-Prosekuzzjoni ma huwa ser jikkonsegwi ebda ghan legittimu hlief li ser jikkawza pregudizzju li jista' jkun irrimedjabbli ghall-intimati biex b'hekk il-bilanc li titkellem il-ligi dwarha mhuwiex ser jinkiseb.'

Dik il-Qorti ghalhekk ghaddiet sabiex tichad it-talba sabiex jinhareg ordni ta' ffrizar mitlub.

Rat il-verbal datat 17 ta' Settembru, 2020 fl-atti tal-istruttorja fil-konfront tar-rikorrenti li permezz tieghu nhareg l-ordni ta' ffrizar koncernat fil-kawza odjerna. Din il-Qorti vverifikat li salv ghal ordni sabiex kull rikorrenti jibqa' jircievi s-salarju tieghu fl-ammont li ma jeccedix it-tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebghin Euro u erbgha u ghoxrin centezmu (€13,976.24) fis-sena, ma ghamlet l-ebda eccezzjoni ohra ghall-applikabilita' tal-istess ordni ta' ffrizar. Rat l-ordnijiet ta' ffrizar a fol. 389 u 390 tal-process.

Rat illi fil-verbal tat-12 ta' April 2022 gie dikjarat kif isegwi mill-Avukat tal-Istat:

'Dr Fenech Vella tinforma lil Qorti li minn anlizi tal-process kriminali jirrizulta li r-rikorrenti fil-mori ntavolaw zewg rikorsi, wiehed b'talba sabiex ikunu jistghu jkomplu n-negozxju taghhom li giet michuda u iehor sabiex jigu awtorizzati jgeddu polza ta' assikurazzjoni u licenzja ta' vettura li gie milqugh.'

**L-ewwel eccezzjoni li r-rikorrenti ma utilizzawx il-mezzi kollha provduti lilhom bil-ligi:-**

Illi minn harsa lejn it-talbiet jirrizulta li r-rikorrenti qed jitolbu dikjarazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom kontemplati f'numru ta' artikoli tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-drittijiet tal-Bniedem u wkoll fit-termini tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Apparti dan jitolbu wkoll li dini l-Qorti takkordna rimedji effettivi u xierqa fic-cirkostanzi.

Illi dwar rimedji ghall-ksur tad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali l-Qorti tirrileva li dan huwa kompetenza unika tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sede Kostituzzjonali taghha u tal-ebda Qorti ohra. Ir-rimedji disponibbli lir-rikorrenti fit-termini tal-Kap. 373 (Att dwar l-Money Laundering) u l-Kap. 9 (Kodici Kriminali) li ghalihom jaghmel referenza l-intimat huma differenti minn dawk mitluba lil din il-Qorti u ghalhekk jirrizulta li r-rikorrenti, dwar allegat ksur ta' drittijiet fundamentali ma kellhomx rimedji ohra ghajr li jipprocedu bil-kawza odjerna. Jekk jirnexxix l-ilment fil-mertu tieghu hija mbaghad materja li trid tigi deciza aktar il-quddiem minn din il-Qorti. Ghaldaqstant il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din l-eccezzjoni preliminari.

**Allegat ksur tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta:-**

Illi l-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jiddisponi illi:

> '(1) Ebda proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju, u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub b'mod obbligatorju, ħlief meta hemm disposizzjoni ta' liġi applikabbli għal dak it-teħid ta' pussess jew akkwist –
>
> (a) għall-ħlas ta' kumpens xieraq;
>
> (b) li tiżgura lil kull persuna li tippretendi dak il-kumpens dritt ta' aċċess lil qorti jew tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi sabiex jiġi deċiż l-interess tagħha fi jew dritt fuq il-proprjetà u l-ammont ta' kull kumpens li għalih tista' tkun intitolata, u sabiex tikseb ħlas ta' dak il-kumpens; u
>
> (ċ) li tiżgura lil kull parti fi proċeduri f'dik il-qorti jew tribunal dwar pretensjoni bħal dik dritt ta' appell mid-deċiżjoni tagħha lill-Qorti tal-Appell f'Malta:
>
> Iżda f'każijiet speċjali l-Parlament jista', jekk hekk jidhirlu xieraq li jagħmel fl-interess nazzjonali, b'liġi jistabbilixxi l-kriterji li għandhom jitħarsu, magħduda l-fatturi u ċ-ċirkostanzi l-oħra li għandhom jitqiesu, biex jiġi stabbilit il-kumpens li għandu jitħallas dwar proprjetà li jittieħed pussess tagħha jew li tiġi akkwistata b'mod obbligatorju; u f'kull każ bħal dak il-kumpens għandu jiġi iffissat u għandu jitħallas skont hekk.' (enfazi mizjuda mill-Qorti)

Illi mid-dicitura ta' dan il-provvediment kostituzzjonali jirrizulta car li l-ligi riedet li tinghata interpretazzjoni wiesa ghall-oggett tat-

tehid, li jista jkun ukoll kull 'interess' jew 'dritt' fi proprjeta' ta' kull xorta.

Illi fid-decizjoni fl-ismijiet **Vincent Curmi et -vs- Avukat Generali et** deciza nhar il-24 ta' Gunju, 2016 mill-Qorti Kostituzzjonali gie rilevat illi:

> '47. Jigi osservat li, ghalkemm il-kaz odjern ma jittrattax espproprijazzjoni imma jirrigwardja t-tehid ta' interess fi proprjeta` ghal skopijiet ta' kirja, dan it-tehid ta' interess tant hu rigidu u wiesa' li fil-prattika jservi sabiex jippriva lir-rikorrenti bhala sidien mill-uzu u mit-tgawdija tal-proprjeta` taghhom. Ghaldaqstant din il-Qorti, filwaqt li hi konxja tal-gurisprudenza indikata mill-Avukat Generali li tghid li l-kontroll ta' uzu u tgawdija ta' proprjeta` huwa ezenti mill-applikazzjoni tal-Artikolu 37[1] tal-Kostituzzjoni, hi tal-fehma li f'dan il-kaz non si tratta semplicement ta' kontroll ta' uzu izda si tratta ta' tehid ta' interess fi proprjeta` u ghalhekk jaqa' fil-protezzjoni tal-artikolu kostituzzjonali fuq citat.'

Il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet **Rose Borg -vs- Avukat Generali et** deciza nhar il-11 ta' Lulju, 2016 irrilevat illi:

> '13. Inċidentalment – u, billi ma sar ebda appell mill-attriċi fuq dan il-punt, dan qiegħed jingħad biss biex jiġi evitat kull ekwivoku u ma jinħolqux preċedenti ħżiena – din il-qorti tosserva illi ma kinitx għalkollox korretta l-ewwel qorti meta qalet illi l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ma jolqotx każ bħal dak tallum ta' "kontroll ta' użu ta' proprjetà". Meta l-"kontroll ta' użu ta' proprjetà" jolqot, bħal fil-każ tallum, interess – li mhux bilfors ikun in re – fil-proprjetà dak il-

> kontroll ta' użu jista' wkoll, jekk ma jkunx b'kumpens, għal skop xieraq, u proporzjonat għal dak l-iskop, ikun bi ksur tal-art. 37 tal-Kostituzzjoni. Naturalment, dan ma jibdilx id-deċiżjoni tal-ewwel qorti dwar l-art. 37 billi ma sarx appell minn dik il-parti tas-sentenza.'

Illi fid-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tal-31 ta' Ottubru, 2014 fil-kawza fl-ismijiet **Mary Anne Busuttil -vs- Tabib John Cassar et** illi:

> 'L-art. 37 tal-Kostituzzjoni iħares mhux biss kontra t-teħid tal-proprjetà sħiħa mingħajr kumpens xieraq, b'mod li tinħoloq sitwazzjoni fejn "is-sid oriġinali ġie żvestit u mneżża' minn kull dritt li għandu fuq dik il-proprjetà", iżda jrid ukoll illi "ebda interess fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun" ma jittieħed mingħajr kumpens xieraq.'

Illi fil-kaz odjern jirrizulta li l-proprjeta' tar-rikorrenti, sal-lum, ghadha bl-ebda mod ma ttiehdet mill-istess rikorrenti izda permezz tal-ordni ta' ffrizar gie limitat l-access lir-rikorrenti ghall-istess proprjeta pendenti l-ezitu tal-proceduri kriminali fil-konfront taghhom. Ma hemmx dubju li l-Istat ghandu kull jedd li jimponi certu restrizzjonijiet fuq l-akkuzati pendenti proceduri kriminali u dan sabiex jissalvgwardja l-ezitu tal-istess proceduri u wkoll l-interess pubbliku in generali.

Ir-rikorrenti izda jilmentaw li din il-mizura mihiex wahda proporzjonata ghar-raguni li l-ordni ta' ffrizar japplika fuq il-proprjeta' kollha irrilevantement jekk din gietx akkwistata fiz-zmien rilevanti ghall-investigazzjoni fil-konfront taghhom jew qabel tant li l-ordni jinkludi wkoll proprjeta' li nxtrat bosta snin qabel u wkoll proprjeta' derivanti minn wirt u li allura ma kelliex

x'taqsam bl-ebda mod mal-agir kriminali. Jinsistu wkoll li tali ordni wasslet ghall-istagnar komplet tan-negozju taghhom li fuqu jiddependi l-ghixien taghhom. Isostnu li l-fatt li l-ordni ta' ffrizar ma llimitax ruhu ghall-ammont li allegatament kien involut fl-agir kriminali wkoll irendi tali mizura sproporzjonata. Huwa f'dan ir-rigward li r-rikorrenti jaghmlu referenza ghall-partijiet mill-artikolu 8 intitolat 'Salvagwardji' tad-Direttiva 2014/42/EU 'Dwar l-iffrizar u l-konfiska ta' mezzi strumenetali u r-rikavat minn attivita' kriminali fl-Unjoni Ewropea' li jaqra kif isegwi:

'1. L-Istati Membri ghandhom jiehdu l-mizuri mehtiega biex jizguraw li l-persuni affettwati mill-mizuri previsti skont din id-Direttiva jkollhom id-dritt ghal rimedju effettiv u process gust sabiex jitharsu d-drittijiet taghhom.'

U

'4. L-Istati Membri ghandhom jipprevedu l-possibbilta' effettiva li l-persuna li l-proprjetà taghha tkun giet affettwata tikkontesta l-ordni ta ffrizar quddiem qorti, fkonformità mal-proceduri stipulati fil-ligi nazzjonali.'

Illi f'dan l-istadju l-Qorti tqis li jkun opportun li tidhol ukoll f'analizi tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea li jipprovdi illi:

> 'Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.

Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta' skond l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.'

Illi l-interpretazzjoni moghtija b'mod kostanti mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ta' l-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni hija li:

'Article 1 of Protocol No. 1 comprises three distinct rules: the first rule, set out in the first sentence of the first paragraph, is of a general nature and enunciates the principle of the peaceful enjoyment of property; the second rule, contained in the second sentence of the first paragraph, covers deprivation of possessions and subjects it to certain conditions; the third rule, stated in the second paragraph, recognises that the Contracting States are entitled, inter alia, to control the use of property in accordance with the general interest. The three rules are not, however, distinct, in the sense of being unconnected. The second and third rules are concerned with particular instances of interference with the right to peaceful enjoyment of property and should therefore be construed in the light of the general principle enunciated in the first rule (see, among others, **James and Others vs The United Kingdom**, 21 February 1986, §37, Series A no. 98, which reiterates in part the principles laid down by the Court in **Sporrong and Lönnroth vs Sweden**, 23 September 1982, §61, Series A no. 52; see also **Broniowski vs Poland** (GC), n0. 31443/96, §134, ECHR 2004-V). **Hutten-Czapska v. Poland**.)[1]'

[1] Applikazzjoni numru: 35015/97 – 19th June, 2006.

Fl-istess decizjoni l-Qorti kompliet issostni li huma tlieta (3) r-rekwiziti li ghandhom jigu sodisfatti sabiex interferenza mill-istat titqies bhala permissibbli, billi jigi analizzat is-segwenti:

i. jekk il-mizura adottata mill-Istat tkunx saret fil-kuntest ta' qafas legali;

ii. jekk l-iskop tal-mizura jilhaqx ghan legittimu; u

iii. jekk il-mizura li tkun ittiehdet zammitx bilanc proporzjonat bejn l-ghan socjali u l-htiega li jigu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien.

i. Jekk il-mizura adottata mill-Istat saritx fil-kuntest ta' qafas legali:

Illi fil-kawza fl-ismijiet **Bronoiwski -vs- Poland** (App. Nru. 31443/96, 147, ECtHR 2004-V) il-Qorti Ewropea rriteniet is-segwenti fir-rigward tal-ewwel element:

> '2. The first and most important requirement of Article 1 of Protocol No. 1 is that any interference by a public authority with the peaceful enjoyment of possessions should be lawful: the second sentence of the first paragraph authorises a deprivation of possessions only "subject to the conditions provided for by law" and the second paragraph recognises that States have the right to control the use of property by enforcing "laws". Moreover, the rule of law, one of the fundamental principles of a democratic society, is inherent in all the Articles of the Convention (see The former King of Greece and Other v. Greece (GC), no. 25701/94, 79, ECHR

2000-XII, with further references, and latridis, cited above, 58).

'The principle of lawfulness also presupposes that the applicable provisions of domestic law are sufficiently accessible, precise and foreseeable in their application (Ara wkoll **Amato Gauci -vs- Malta**, (QEDB No. 47045/06, 53, 15th September, 2009).'

Illi fil-kaz odjern ma hemmx dubju li l-mizura in kwistjoni cioe' l-ordni sabiex jigu ffrizati l-assi kollha tar-rikorrenti temani minn qafas legali li huwa appuntu d-Direttiva 2014/42/EU datata 3 ta' April, 2014 'Dwar l-iffrizar u l-konfiska ta' mezzi strumenetali u r-rikavat minn attivita' kriminali fl-Unjoni Ewropea' kif trasposta fil-Kap. 373 tal-Ligijiet ta' Malta 'Att dwar l-Money Laundering) u wkoll il-Kap 9, Kodici Kriminali tal-Ligijiet ta' Malta. Jirrizulta li l-ordni ta' ffrizar inhareg mill-Qorti Istruttorja permezz tal-poter moghti lilha mill-istess Kap. 373 partikolarment l-artikolu 5 tal-istess Att fil-mument li r-rikorrenti tressqu b'arrest u ghaldaqstant il-mizura attakkata mir-rikorrenti tissodisfa l-ewwel rekwizit li temani minn qafas legali.

ii. Jekk l-iskop tal-mizura jilhaqx ghan legittimu:

Illi l-iskop tal-mizura li tippermetti l-ordni ta' ffrizar fuq l-assi tar-rikorrenti huwa sabiex izzomm lil persuna akkuzat b'kummissjoni ta' reat rilevanti jew reat ta' hasil ta' flus milli jiddisponi mill-assi, kemm mobbli kif ukoll immobbli, li l-provenjenza u l-uzu taghha jkun gej mill-istess attivita' kriminali u din is-salvagwardja hija ntiza fl-interess pubbliku. Ghalhekk il-mizura hija ntiza sabiex tissalvagwardja l-assi pendenti ezitu finali fil-proceduri kriminali sabiex f'kaz li tinstab htija r-rikavat mill-attivita' kriminali jigi konfiskat favur l-Istat. Jirrizulta ghalhekk lil din il-Qorti li l-mizura

kontestata mir-rikorrenti fil-fatt ghandha ghan legittimu.

iii. Jekk il-mizura zammitx bilanc proporzjonat bejn l-ghan socjali u l-htiega li jigu rispettati d-drittijiet fundamentali tas-sidien:

Illi ghalkemm huwa accettat li l-Istat ghandu margini ta' apprezzament wiesgha (fuq il-livell internazzjonali meta si tratta ta' sentenza tal-Qorti ta' Strasburgu) jew il-Legislatura u l-Ezekuttiv (fuq il-livell domestiku, meta si tratta ta' allegazzjoni quddiem il-Qrati Maltin ta' vjolazzjoni ta' xi dritt fundamentali), hija dejjem il-Qorti u f'kawzi bhal dik odjerna hija dejjem din il-Qorti Kostituzzjonali, li finalment trid tiddetermina mhux biss jekk hemmx dan l-iskop *prima facie* legittimu aktar 'l fuq imsemmi izda jekk, fil-kaz partikolari, ntlahaqx fil-konfront tar-rikorrenti dak il-bilanc gust bejn l-interess generali u l-interess tar-rikorrenti. Ghandu ghalhekk jigi ezaminat jekk, l-applikazzjoni fil-kaz konkret ta' ligi li hija maghmula *prima facie* "skond l-interess generali" tivvjolax il-principju tal-proporzjonalita`. Illi kif inghad f'kaz deciz mill-Qorti ta' Strasburgu fl-ismijiet **Hutten-Czapska v. Poland**[2]**,** fejn hemm l-intervent tal-Istat, dan irid johloq bilanc bejn l-interess generali u l-interess tal-privat, u l-fatti tal-kaz partikolari iridu jigu ezaminati ghall-fini tal-ezami tal-proporzjonalita'.

*"Not only must an interference with the right of property pursue, on the facts as well as in principle, a 'legitimate aim' in the general interest, but there must also be a reasonable relation of proportionality between the means employed and the aim sought to be realised by any measures applied by the State, including measures designed to control the use of the individual's property. That requirement is expressed by the notion of a fair balance that must be struck between the demands of the general interest of the community and the requirements of the protection of the*

[2] Deciza nhar it-22 ta' Frar, 2005.

*individual's fundamental rights... <u>In each case involving an alleged violation of that Article the Court must therefore ascertain whether by reason of the State's interference the person concerned had to bear a disproportionate and excessive burden."</u>* (paragrafu 105 - sottolinear ta' din il-Qorti) (ara wkoll **Philip Amato Gauci et -vs- Avukat Generali et** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar is-26 ta' Mejju, 2006 kif ukoll **Residual Limited (C24807) -vs- Kummissarju ta' l-Artijiet** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali nhar id-19 ta' Ottubru, 2011.)

Illi prima facie jirrizulta lil din il-Qorti li r-rikorrenti ghandhom ragun jilmentaw li effettivament l-ordni ta' ffrizar in kwistjoni laqat mhux biss l-assi li setghu gew rizultat tal-attivita' kriminali tar-rikorrenti izda wkoll laqat proprjeta' ohra li wara li wiehed jezamina d-derivazzjoni taghha, evidentement tirrizulta li giet akkwistata qabel il-perjodu tal-allegat agir kriminali cioe' qabel is-sena 2013. Apparti minn hekk ir-rikorrenti jsostnu li l-limitazzjonijiet mposti fuqhom rrendewa difficli hafna ghalihom li jiggestixxu n-negozju taghhom li huwa negozju tal-bejgh tal-laham, bajd, tigieg ecc. Ma hemmx dubju li sabiex dan in-negozju jigi gestit ikun hemm bzonn ta' certu flessibilita' almenu fil-likwidita' tar-rikorrenti biex tinxtara l-merca neccessarja, jithallsu kredituri u transazzjonijiet ohra relatati man-negozju. Il-Qorti tifhem ghalhekk ghalfejn ir-rikorrenti jaraw din l-ordni kif mposta fuqhom fl-ewwel seduta meta tressqu akkuzati bhala wahda drakonjana li ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn proprjeta' u ohra. Il-Qorti izda tifhem ukoll li fl-istadju tal-ewwel seduta meta l-akkuzati jkunu ghadhom kemm tressqu, li l-interess pubbliku li jigu salvagwardjati l-assi derivanti mill-attivita' kriminali bla dewmien ghandu jiprevali fuq li wiehed jidhol fid-dettal wahda wahda fil-proprjeta' koncernata u jeskludi certa proprjeta' u ohra le. Huwa ghalhekk li fil-fatt il-ligi tiprovdi li l-akkuzat jinghata

salarju mill-istess assi sabiex jigi assigurat l-ghixien tieghu. Sa dan l-istadju l-Qorti ma tara xejn sproporzjonat fil-mizura attakkata permezz tal-proceduri odjerni.

Illi l-Qorti tqis ukoll illi l-argument kostituzzjonali dwar lezjoni tad-drittijiet fundamenti mqajjem mir-rikorrenti kien ikollu success li kieku rrizultalha li wara li jinhareg l-ordni ta' ffrizar, l-istess rikorrenti qua akkuzati ma nghataw l-ebda rimedju fil-ligi sabiex ivarjaw l-ordni ta' ffrizar in kwistjoni li mhux il-kaz. Fil-fatt irrizulta mill-atti stess tal-kaz odjern li l-ligi tipprovdi mezzi adegwati lir-rikorrenti sabiex ivarjaw l-ordni ta' ffrizar kemm permezz ta' appell mill-istess ordni kif ukoll rikorsi susessegwenti f'certu cirkostanzi. Dawn ir-rimedji johorgu minn qari tal-artikolu 5 tal-Kap. 373 (Att kontra l-Money Laundering) li jaqra kif isegwi:

'1) Meta persuna tiġi akkużata taħt l-artikolu 3, il-qorti għandha fuq it-talba tal-prosekuzzjoni tagħmel ordni –
(a) li jissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali il-flejjes u l-proprjetà mobbli kollha li jkunu dovuti liljew ikunu jmissu lill-akkużat jew ikunu proprjetàtiegħu, u
(b) li jipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi, jagħtib'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli:

Iżda l-qorti għandha f'dak l-ordni tistabbilixxi xi flejjes jistgħu jitħallsu lil jew jiġu riċevuti mill-akkużat fil-waqt li jkun qed iseħħ dak l-ordni, fejn jiġu speċifikati l-għejjun, il-mod u modalitajiet oħra ta'ħlas, inklużi salarju, paga, pensjoni u benefiċċji soċjalili jitħallsu lill-akkużat, sabiex huwa u l-familja tiegħujitħallilhom għixien deċenti f'ammont, fejn ikunhemm mezzi biżżejjed, ta' tlettax-il elf u disa' mija usitta u sebgħin euro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu(13,976.24) fis-sena:

Iżda wkoll il-qorti tista' barra minn dan –
(a) tawtorizza l-ħlas ta' djun li jkollhom jitħallsu mill-akkużat lil kredituri bona fide u li jkunu saru qabel ma jkun sar dak l-ordni; u
(b) għal raġuni tajba tawtorizza lill-akkużat biex jittrasferixxi proprjeta' mobbli jew immobbli . . . .

. . . . (8) Meta għal xi raġuni kwalunkwe l-qorti tiċħad talbamagħmula mill-prosekuzzjoni għal ordni taħt is-subartikolu (1), l-Avukat Ġenerali jista', fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-data tad-deċiżjoni tal-qorti, jagħmel talba lill-Qorti Kriminali biex tagħmell-ordni meħtieġa u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhommutatis mutandis japplikaw għall-ordni magħmula mill-QortiKriminali taħt dan is-subartikolu daqslikieku kienet ordni magħmula mill-qorti taħt is-subartikolu (1). L-ordni temporanja ta'ffriżar magħmula taħt is-subartikolu (7) għandha tibqa' fis-seħħsakemm il-Qorti Kriminali tieħu deċiżjoni dwar it-talba.

(9) L-akkużat jista', fi żmien tlett ijiem tax-xogħol mid-data ta'meta saret l-ordni taħt is-subartikolu (7), jagħmel talba lill-Qorti Kriminali għar-revoka tal-ordni sakemm dik l-ordni tibqa' fis-seħħ sakemm ma tkunx revokata mill-Qorti Kriminali.'

Il-Qorti rat li dawn is-sub-artikoli gew abilment interpretati u applikati f'digriet tal-Qorti Kriminali li esebew l-istess rikorrenti a fol. 375 et seq tal-process fejn fil-parti l-aktar rilevanti inghad kif isegwi:

'Illi jibda biex jinghad illi l-ligi stess taghti is-setgha ta' revizjoni lil din il-Qorti Kriminali u dan bis-sahha ta' dak dispost fl-artikolu 36

(9) u (10) tal-Kapitolu 621 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-artikolu 23 A (4) u (5) tal-Kodici Kriminali u ukoll fl-artikolu 5 (8) u (9) tal-Kapitolu 373 tal-Ligijiet fejn, allura, kemm l-Avukat Generali, kif ukoll l-persuna imputata ghandhom il-jedd ghal dan ir-rimedju. Dan in linja ma dak mahsub fid-Direttiva 2014/42/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar l-iffrizar u l-konfiska ta' mezzi strumentali u r-rikavat minn attivita' kriminali fl-Unjoni Ewropea li tahseb f'dan il-jedd fl-artikolu 8. Dan necessarjament ifisser, kuntrajarment ghal dak li jikkontendi l-Avukat Generali, illi d-decizjomi dwar il-hrug *o meno* ta' l-Ordni tal-Iffrizar mihijiex tassattiva fuq il-Qorti, tant hu hekk illi l-ligijiet kollha in materja, li sfortunatament ma gewx konsolidati, jipprospettaw dik is-sitwazzjonmi fejn il-Qorti jew tichad it-talba jew inkella ma tipprocediex minnufih ghal hrug ta'l-Ordni. Tipprospetta ukoll l-ligi, il-jedd tal-persuna akkuzata li titlob lil din il-Qorti ir-revoka tad-decizjoni ghal hrug tal-Ordni tal-Iffrizar.'

Illi mill-atti jirrizulta li r-rikorrenti ma appellawx mill-ordni tal-iffrizar tal-assi kontra taghhom ghalkemm kellhom kull jedd fil-ligi jaghmlu dan. In oltre naqsu milli jintavolaw rikors jew rikors fejn fih iqajjmu l-ilment taghhom fis-sens li bhal parti mill-ordni ta' ffrizar nqabdu assi li ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-allegata attivita' kriminali. Skont dak dikjarat mill-Avukat tal-Istat fl-ahhar verbal jirrizulta li r-rikorrenti ntavolaw rikors quddiem il-Qorti kompetenti sabiex jigu awtorizzati jkomplu bin-negozju taghhom izda ghal ragunijiet mhux noti lil din il-Qorti (ghaliex ma tressqet l-ebda prova dokumenetarja dwar dan lanqas mir-rikorrenti) din giet michuda. Il-Qorti tifhem izda li n-negozju in kwistjoni kien fic-centru tal-attivita' allegatament kriminali li biha qed jigu akkuzati r-rikorrenti u ghalhekk tifhem li dan il-fatt seta' kellu piz fuq id-decizjoni tal-Qorti Kriminali. Jirrizulta ghalhekk

lil din il-Qorti li filwaqt li l-ligi tipprovdi mezzi adegwati sabiex l-ordni ta' ffrizar jigi emendat, dan sabiex ikun aktar proporzjonat skont ic-cirkustanzi tar-rikorrenti u l-assi in kwistjoni, huma l-istess rikorrenti li naqsu milli jaghmlu effettiv mill-istess mezzi.

Illi in vista tas-suespost l-Qorti tqis li l-ilment tar-rikorrenti dwar ksur tad-drittijiet fundamentali taghhom fit-termini tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma jistax jirnexxi stante li ma jissodisfax l-element tal-isproporzjon allegat mill-istess rikorrenti. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel talba tar-rikorrenti.

**It-tieni talba dwar allegat lezjoni tad-dritt tal-Artikolu 7 tal-Kovenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, l-Artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 7 tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Ligijiet ta' Malta:-**

Illi permezz tat-tieni talba taghhom ir-rikorrenti jsostnu li l-fatt li l-ordni ta' ffrizar mpost fuqhom ma jaghmel l-ebda distinzjoni bejn il-proprjeta' allegatament derivanti mill-allegat att kriminali u proprjeta' ohra u wkoll d-diffikulta' mposta fuqhhom sabiex imexxu n-negozju taghhom in vista tal-istess ordni ta' ffrizar tekwivali ghal piena harxa mposta fuqhom nonostante li pendenti l-proceduri kriminali huma prezunti innocenti. Il-Qorti rat li l-artikoli kwotati mir-rikorrenti rilevanti ghal din it-talba lkoll jaghmlu referena ghal projbizzjoni li pesuna tinghata piena ghal agir li ma jkunx illegali meta jkun sehh dan l-agir.

Dwar din it-talba l-intimat Avukat tal-Istat jeccepixxi li r-resitrizzjonijiet mposti fuq ir-rikorrenti qua akkuzati ta' reati serji

ma jekwivalux u ma jistghux jigu klassifikati bhala piena ai termini tal-Artikoli in kwistjoni.

Illi din il-Qorti tifhem u tikkoncedi li kieku rrizultalha li ghall-ordni ta' ffrizar mposta fuqhom ir-rikorrenti ma kellhom l-ebda rimedju allura anki l-ilment taht it-tieni talba taghhom kien ikun gustifikat stante li l-effetti tal-ordni ta' ffrizar mpost ma kien ikun hemm ebda rimedju u ghalih b'dan li verament l-effett tieghu kien ikun dak ta' piena oltre dak li tiprovdi l-ligi. Pero', kif gia konstatat aktar il-fuq, irrizulta lil din il-Qorti li l-ligi tiprovdi rimedji effettivi lir-rikorrenti sabiex jappellaw kontra l-hrug tal-ordni ta' ffrizar innifsu wkoll sabiex dan jigi varjat skont ic-cirkustanzi izda jirrizulta li r-rikorrenti naqsu milli jaghmlu uzu adegwat minn dawn ir-rimedji sabiex se mai l-effett tal-ordni ta' ffrizar jigi minimizzat. Isegwi ghalhekk li l-fatt li l-effetti 'gravi' tal-ordni ta' ffrizar in kwistjoni baqghu ma gewx minimizzati huwa rizultat ta' nuqqas ta' azzjoni da parti tar-rikorrenti u ghalhekk din il-Qorti wkoll ma ssibx lezjoni tad-drittijiet fundamentali elenkati fit-tieni talba tar-rikorrenti u ser tghaddi sabiex tichad ukoll it-tieni talba tar-rikorrenti.

**Konkluzjoni:**

Stante li l-Qorti ma sabet l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali elenkati mir-rikorrenti fl-ewwel u fit-tieni talba taghhom, in vista li t-tielet talba tar-rikorrenti hija konsegwenzjali ghall-istess, il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad ukoll din it-talba.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-lanjanza kostituzzjonali kif isegwi:

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tal-Avukat tal-Istat intimat bl-ispejjez kontra tieghu;

2. Tilqa' l-bqija tal-eccezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat sakemm dawn huma kompatibbli ma' dak hawn deciz;

3. Stante li ma sabet l-ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali elenkati mir-rikorrenti tghaddi sabiex tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kollha li ghadhom mhux decizi kontra l-istess rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**24 ta' Novembru 2022**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**24 ta' Novembru 2022**